# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 840/94 AJM

Kawza numru 27

Dottor Hugh Peralta LL.D bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Ceramica Monica Spa ta' Italia

Vs

Oreste Camilleri u Andrew Camilleri bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Planor Limited u b'nota tat-3 ta' Gunju 1998 Chris Sammut jassumi l-atti tal-kawza flok id-direttur Oreste Camilleri stante li s-socjeta' Planor Lmited illum marret in likwidazzjoni, u b'nota tal-14 ta' Jannar 1999 Emanuel Farrugia bhala likwidatur tas-socjeta' konvenuta assuma l-atti tal-kawza.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-6 ta' Gunju 1994 li permezz tagha wara li ppremetta illi l-konvenut nomine kien ordna merkazija minghand l-attur nomine liema merkanzija giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut nomine; illi l-prezz tal-merkanzija kien jammonta ghal sebgha u erbghin miljun, mitejn u disa' telef, mitejn u hames liri taljani (Lit.47,209,205) li huma ekwivalenti ghall-cirka hdax il-elf u erbgha mitt lira maltija (LM11,400) skond invoices hawn ezebiti (Dok A1 sa 5) u statement of account hawn ezebit Dok B; illi l-attur talab lill-konvenut sabiex jhallas permezz ta' ittra ufficjali mibghuta fis-17 ta' Mejju 1994 u minkejja dan il-konvenut baqa' indempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut debitur fis-somma ta' Lit.47,209,205 ekwivalenti ghal cirka LM11,400.
2. Tikkundannah jhallas l-ammont hekk dovut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 1994 u bl-imghaxijiet mit-18 ta' Settembru 1992 kontra l-konvenut li humwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut ppresentata fit-3 ta' Ottubru 1994 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent wahdu ma ghandux ir-rappresentanza tas-socjeta konvenuta u ghalhekk l-attur nomine gahndu jirregola ruhu fir-rigward.
2. Illi l-ammont mitlub ma jirrizultax dovut peress illi hemm diversi pendenzi bejn il-partijiet.

3. Illi l-merkanzija de quo kienet ukoll difettuza u ghalhekk il-prezz indikat fl-invoices esebiti ma jirriflettix il-valur reali tal-istess merkanzija.
4. Illi l-attur nomine kkawza danni lill-eccipjent meta kiser il-ftehim/kuntratt ta' bejniethom, liema danni l-eccipjent talab li jigu likwidati f'gudizzju separat.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrtattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici qedha titlob il-hlas tas-somma ta' Lit.47,209,205 ghall-merkanzija konsistenti f'madum tac-ceramika li hija bieghet u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta. Dan il-kreditu jirrizulta mill-invoices u r-rendikont ippresentat mill-attur nomine. Is-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta l-ezistenza ta' dan il-kreditu izda tghid li hi ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici billi (a) hemm diversi pendenzi bejn il-partijiet, (b) ix-xoghol kien difettuz, u (c) hija intitolata ghar-risarciment tad-danni sofferti minhabba inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta' attrici.

Moghtija dawn l-eccezzjonijiet jidher li s-socjeta' konvenuta f'perjodu ta' sebgha snin shah u cioe mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sal-lum, qatt ma istitwit proceduri kontra l-attur odjern jew uzufruwit mid-dritt li ttiha l-ligi ta' kontro talba, sabiex l-pretensjonijiet taghha jigu gudizzjarjament determinati. Lanqas ma jirrizulta li l-istess socjeta' konvenuta ghaddiet ghad-depositu tal-merkanzija in kwistjoni taht l-awtorita' tal-Qorti.

Issa din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet u dana konformement mal-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, irriteniet li drittijiet derivanti mill-garanzija fil-bejgh ghandhom jigu ezercitati per via d'azione. Daqstant kull pretensjoni naxxenti minn allegata inadempjenza kuntrattwali. L-eccezzjoni tal-konvenut ghalhekk huma insostenibbli.

Illi l-pretensjoni attrici tirrizulta pruvata mid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine, mid-dokumenti ezebiti u mill-istess xhieda ta' Andrew Camilleri, direttur tas-socjeta' konvenuta imtella in subizzjoni mill-attur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine l-ekwivalenti f'liri maltin bir-rata ta' kambju prevalenti llum, s-somma ta' Lit47,209,205 (sebgha u erbghin miljun, mitejn u disa' telef, mitejn u hames liri taljani), bl-imghax legali kif mitlub u l-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri